# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 775/2024 MS*

**Spear Limited**

**Vs.**

**Dr. Alexander Scerri Herrera bħala kuratur *ad litem* ta' JDI Integrations LLC**

Illum, 14 ta' April, 2025

Kawża Numru: 6

1. Din is-sentenza qed tingħata biss dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine.

2. B'rikors ġuramentat preżentat fl-10 ta' Lulju 2024, l-attriċi talbet lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hemmhekk premessi u previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitrici tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont tal-Bilanc Fatturat fis-somma ta' ħames miljuni, tliet mija u sebgħa u erbgħin elf, seba' mija u erba' euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€5,347,704.38), ekwivalenti għal $5,742,192.44, rappreżentanti, in kwantu għas-somma ta' €2,746,973.17 (ekwivalenti għal $2,949,611.17) il-valur totali fatturat u mhux imħallas għall-Commissions, dovuti mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-PSA, kif sussegwentement emendat permezz tal-ARA, fuq il-kuntratti li ġew konklużi bejn is-soċjetà intimata u l-Klijenti (il-"Customers"), u in kwantu għas-somma ta' €2,600,731.21 (ekwivalenti għal $2,792,581.27), il-valur totali fatturat u mhux imħallas ta' miżati għas-Servizzi Addizzjonali ("Additional Services") reżi mis- soċjetà rikorrenti għas-soċjetà intimata ai termini tal-PSA, kif sussegwentement emendat permezz tal-ARA, kif joħroġ mill-istatement hawn annessa bħala Dokument "SL 4" u mill-fatturi rispettivi hawn annessi bħala Dokument "SL 5".

2. Tordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-Bilanċ Fatturat fl- ammont ta' ħames miljun, tliet mija u sebgħa u erbgħin elf, seba' mija u erba' euro (€5,347,704.38), ekwivalenti għal $5,742,192.44, oltre l-imgħax legali dekorribbli fuq l-istess b'effett mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitrici tas-soċjetà rikorrenti ai termini tal- PSA, kif sussegwentement emendat permezz tal-ARA, rappreżentanti Commissions dovuti in konnessjoni ma' kuntratti oħra li ġew konklużi bejn is-soċjetà intimata u diversi Klijenti terzi, il-konklużjoni ta' liema kuntratti ġiet moħbija mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti.

4. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' periti komputisti, l-ammont dovut mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-PSA, kif sussegwentement emendat permezz tal-ARA, rappreżentanti Commissions dovuti in konnessjoni ma' kuntratti oħra li ġew konklużi bejn is-soċjetà intimata u diversi Klijenti terzi, il-konklużjoni ta' liema kuntratti ġie moħbi mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti.

5. Tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont hekk likwidat ai termini tat-talba immedjatament precedenti oltre l-imgħax legali dekorribbli fuq l- istess sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li r-rappreżentanti ta' liema huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni tagħha u b'rizerva għal kull azzjoni oħra legalment jew kuntrattwalment spettanti lis-soċjetà rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata.

3. Il-konvenut nomine ressaq risposta ġuramentata fl-14 t'Awwissu 2024, li permezz tagħha ssolleva għadd ta' eċċezzjonijiet. L-ewwel eċċezzjoni tiegħu taqra hekk:

> Illi in linea preliminari il-konvenut jeċċepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante ftehim ta' Arbitraġġ espressament dikjarat fi klawżola numru 18 tal-kuntratt datat 20 ta' Frar 2020, kopja ta' liema huwa anness mar-rikors promotur mmarkat bħala Dok. SL1

4. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2024, il-Qorti ordnat li qabel xejn tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine, u wara li tat lill-kontendenti l-fakultà li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub, ħalliet il-kawża għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni.

5. Il-fatti li huma rilevanti għal din l-eċċezzjoni jistgħu jiġu riassunti hekk:

6. Il-kontendenti daħlu fi ftehim li seħħ fl-20 ta' Frar 2020 permezz ta' żewġ skritturi privati, li waħda minnhom hija ntitolata *Professional Services Agreement*[1], filwaqt li l-oħra hija intitolata *Mutual Confidentiality Agreement*[2]. Skont l-ewwel imsemmija skrittura, l-attriċi kellha tippresta lill-konvenuta sensiela ta' servizzi imfissrin fl-istess ftehim, u l-konvenuta kellha tħallas lill-attriċi għal dawn is-servizzi kif stipulat hemmhekk. Fl-20 ta' Frar 2022, il-kontendenti daħlu fi ftehim ieħor imsejjaħ *Amendment and Restatement of Professional Services Agreement*[3], li bih ġeddew l-iskrittura dwar il-prestazzjoni ta' servizzi professjonali u mmodifikaw ukoll, f'ċerti rispetti, l-kontenut tagħha. Ġara iżda, tgħid l-attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha, li hija xtaqet tittermina r-relazzjoni tagħha mal-konvenuta minħabba ħsara fir-reputazzjoni tagħha li hija riedet tevita, u kien għalhekk li ż-żewġ kumpaniji resqu lejn xulxin bil-għan li jiftehmu dwar it-terminazzjoni tal-kuntratti. Il-konvenuta iżda, tgħid l-attriċi, ma riditx tħallasha l-ammonti dovuti lilha, kif ukoll ippruvat tostor negozju li hija għamlet ma' terzi u li fuqu l-attriċi jistħoqqilha kummissjoni. Kien għalhekk li l-attriċi pproċediet b'din il-kawża.

[1] Fol.21.
[2] Fol.27.
[3] Fol.32.

7. Fl-iskrittura msemmija *Professional Services Agreement* tal-20 ta' Frar 2020, u preċiżament fil-klawsola numerata tmintax, ġie miftiehem hekk:

> This Agreement shall in all respects be governed by and interpreted in accordance with the Laws of Malta. Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this agreement, or the breach, termination, interpretation or invalidity thereof, shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Center as at present in force. The language of this agreement is English. The language to be used in any arbitral proceedings shall be English.

8. Il-ftehim intitolat *Mutual Confidentiality Agreement* fih klawsola identika[4]. Fil-ftehim imsejjaħ *Amendment and Restatement of Professional Services Agreement*, il-partijiet ftehmu li jestendu l-ewwel *Professional Services Agreement* sat-30 ta' Ġunju 2023, u varjaw parti mill-obbligazzjoni ta' ħlas mill-konvenuta lill-attriċi. Imbagħad ġie miftiehem hekk:

> Save as amended and restated by the terms of this Agreement, the provisions of the PSA remain in full force and effect. From the date of this Agreement, the PSA and the ARA shall be read and construed as one document.

9. B'danakollu imbagħad fil-klawsola tlieta punt tnejn (3.2) tal-istess ftehim, inkiteb hekk:

> The courts of Malta have jurisdiction to settle any disputes in connection herewith and accordingly submit to the jurisdiction of such courts. The Parties waive any objection to the Maltese courts on grounds of inconvenient forum or otherwise as regards proceedings in connection with this ARA and agree that a judgment or order of such a court shall be conclusive and binding on them and may be enforced against them in the courts of any other jurisdiction.

10. Huwa prinċipju assodat dak li kull Qorti li quddiemha tinġieb kwistjoni li dwarha jkun hemm ftehim ta' arbitraġġ għandha tirreferi lill-partijiet għall-arbitraġġ wara talba minn xi ħadd minnhom, kemm-il darba ma ssibx li dak il-ftehim ikun «*null*

[4] Il-klawsola numerata tnax.

*u bla effett, inoperattiv jew li ma jkunx jista' jitwettaq*»[5] (ara wkoll ***365 Entertainment Ltd vs. Boss Media Malta Poker Ltd et***, Prim'Awla, 10 ta' Lulju 2012). Il-kwistjoni għalhekk hija jekk il-klawsola arbitrali kontenuta fl-iskritturi tal-20 ta' Frar 2020 ġietx reża nulla, mingħajr effett, inoperattiva jew li ma tistax titwettaq b'konsegwenza tal-iskrittura li saret fl-20 ta' Frar 2022.

11. Ġie mfisser illi: «*Inoperability applies where the arbitration agreement has ceased to have effect. An arbitration agreement may be inoperative because the arbitral institution no longer exists or the rules which are referred to are incorrectly cited. It will be a question of fact and degree in each case whether the deficiency in the arbitration agreement renders the agreement inoperative*»[6].

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut nomine jagħmel l-argument illi b'din il-klawsola, il-kontendenti ma riedux iġibu fix-xejn il-klawsoli arbitrali li jeżistu fl-iskritturi l-oħrajn, iżda riedu jagħtu effett limitat lill-ġurisdizzjoni tal-Qrati. Isostni li l-klawsoli arbitrali għandhom lokuzzjoni ferm aktar mifruxa minn dik tal-kondizzjoni numerata 3.2, u li dan isaħħaħ it-teżi tiegħu li l-klawsola li tammetti l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ma tidderogax għal kollox mill-effetti tal-klawsoli arbitrali.

13. Il-Qrati ammettew il-possibilità li klawsola arbitrali u klawsola li tagħti ġurisdizzjoni lill-qrati jeżistu flimkien u fl-istess ftehim fejn dawn il-klawsoli jirrigwardaw b'mod ċar tilwimiet ta' natura differenti (ara per eżempju ***S.I.T. Special Interest Travel Limited vs. MaltaTicket.com Limited***, Appell Inferjuri, 6 t'Ottubru 2017). Biex dan isir, madanakollu, irid jirriżulta li ż-żewġ klawsoli jirrigwardaw materji separati. Fil-każ ċitat, il-klawsola li kienet tagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati kienet espressament limitata għall-kwistjonijiet li

[5] Ara f'dan is-sens l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, kif ukoll l-artikolu II(3) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Għarfien u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin (Taqsima III tat-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ), kif ukoll l-artikolu 8(1) tal-Mudell ta' Liġi UNCITRAL fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali (fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ).

[6] ***Andrew Tweeddale & Keren Tweeddale,*** Arbitration of Commercial Disputes (Oxford University Press, 2005), §4.39.

jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, filwaqt li l-klawsola arbitrali kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kuntratt.

14. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, iż-żewġ klawsoli jitkellmu fuq «disputes». Għalkemm huwa minnu li l-klawsola arbitrali tidħol f'dettall akbar dwar ix-xorta ta' tilwimiet li jistgħu jiġu riferuti għall-arbitraġġ, il-klawsola 3.2 tal-aħħar ftehim hija siekta, li jfisser li l-kelma «disputes» għandha per forza tingħata t-tifsira litterali tagħha, u ċjoè li tinkludi kwalsiasi tilwima, tkun fuq x'hiex tkun, la darba ebda limitazzjoni ma ġiet imposta mill-partijiet permezz tal-ftehim tagħhom.

15. B'danakollu fil-klawsola 3.2 il-partijiet jgħidu li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin tkun fis-seħħ dwar «*any disputes in connection herewith*» u «*as regards proceedings in connection with this ARA*». Tqum għalhekk il-mistoqsija jekk il-kontraenti riedux jillimitaw l-effetti tal-klawsola 3.2 għal tilwimiet li jirrigwardaw l-aħħar ftehim biss, filwaqt li tilwimiet li jitwieldu mill-ftehim li saru fl-20 ta' Frar 2020 jibqgħu regolati bil-klawsoli arbitrali rispettivi.

16. Il-Qorti però jkollha teskludi li l-partijiet riedu joħolqu dak l-effett fil-ftehim tagħhom. Diġà ġie rilevat li l-komparenti qalu, bl-aktar mod ċar, li «*Save as amended and restated by the terms of this Agreement, the provisions of the PSA remain in full force and effect. From the date of this Agreement, the PSA and the ARA shall be read and construed as one document*»[7]. Dan ifisser li l-intenzjoni tal-kontraenti ma kinitx li joħolqu żewġ ftehim differenti, imma li l-ftehim tagħhom, avolja konsistenti minn skritturi differenti, jkun *quid unum* u jitqies bħala ftehim wieħed. Mhux probabbli għalhekk li l-kontraenti kellhom il-ħsieb li tilwimiet li joħorġu mill-ftehim tal-20 ta' Frar 2020 jiġu regolati bl-arbitraġġ, filwaqt li tilwimiet li joħorġu mill-ftehim tal-20 ta' Frar 2022 jiġu regolati mill-Qrati Maltin.

17. B'żieda ma' dan, il-klawsola numerata tnejn punt erbgħa punt wieħed (2.4.1) tal-iskrittura tal-20 ta' Frar 2022 tgħid li: «*For the avoidance of doubt, this Agreement is to be construed as overriding the provisions in the PSA*».

[7] Klawsola 2.3 tal-ftehim datat 20 ta' Frar 2022.

Għalhekk, fil-verità, ma hemm ebda kunflitt bejn iż-żewġ ftehim, għaliex il-kontraenti ħasbu biex f'każ ta' kunflitt bejn iż-żewġ skritturi, jipprovdu dwar liema minnhom għandha tipprevali. Il-kontraenti, inkluż allura l-konvenuta, ftehmu li jipprevali l-ftehim tal-20 ta' Frar 2022, li fih jingħad li f'każ ta' tilwima, il-ġurisdizzjoni tkun tal-Qrati Maltin. Fil-fehma tal-Qorti, dan wassal biex il-klawsola arbitrali miftehma fl-iskrittura msemmija *Professional Services Agreement* tal-20 ta' Frar 2020 saret inoperattiva.

18. F'kull każ, ġie deċiż li fejn ikun hemm klawsoli konfliġġenti, il-ġurisdizzjoni tal-Qrati m'għandhiex tiġi eskluża (ara f'dan is-sens ***Zamsul Contractors Ltd vs. Pharmacare Premium Limited***, Prim'Awla, 14 ta' Ġunju 2012).

19. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut nomine, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jitħallsu mill-konvenut nomine.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur